# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 13 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 25/01 AJD*

Allied Insurance Agency Ltd.

vs

Office Furnishings Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmienja u hamsin liri Maltin u centezmu (Lm158.01) rappresentanti l-bilanc dovut fuq premia ghal diversi poloz ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta. Billi nonostante giet debitament interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru, 2000, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Nicole Vella De Fremeaux li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmienja u hamsin liri Maltin u centezmu (Lm158.01) bl-imghaxijiet pagabbli mit-22 ta' Settembru, 2000, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR